21 ta' Ottubru, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

*Paolo Busuttil versus Robert Percival Powel ne.*

**Serq — Kompliċità — Istigazzjoni — Danni — Solidarjetà.**

*Min jieħu parti f'serq, bħala kompliċi jew bħala istigatur, huwa responsabili solidalment mal-persuna li tikkommetti s-serq għad-danni kaġunati b'dak is-serq lill-persuna derubata.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut James Powel seraq f'diversi drabi, u ħa per mezz ta' raġġiri u ınganni ta' persuna oħra li servietu ta' mezz, mill-poter tiegħu s-somma komplessiva ta' £190, talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut nomine jkun kundannat iħallsu u jirrestitwilu s-somma ta' £190 li huwa seraq jew ħa mill-poter tiegħu f'diversi drabi kif fuq imsemmi. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li huwa inġunt jidher ħalli jissubixxi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwelnett jingħad illi din il-kawża hija mnissla minn dik li tissejjaħ "actio ex delicto" u, kif ħafna drabi jkollhom kawżi bħal dawn, hemm konflitt f'ċerti fattijiet; għaliex l-awturi prinċipali tad-delitt għab-bażi ta' l-azzjoni jkunu, għal raġunijiet u ċirkustanzi speċjali, bħal fil-każ preżenti, wieħed kontra l-ieħor. Infatti f'dina l-kawża ż-żewġ protagonisti prinċipali huma Margherita Mary Hayes u l-konvenut James Powell, li fil-mori tal-ġudizzju, peress li sar maġġjorenni, assuma "in testa propria" l-attijiet tal-kawża. Jingħad ukoll illi l-konvenut Powel jinstab qiegħed jistenna proċess kriminali promoss mill-attur kontra tiegħu fuq l-azzjoni antiġuridika odjerna, u meta l-avukat tiegħu rieda li jiġu preżentati l-attijiet tal-kawża kriminali, il-parti avversa, kif għandha d-dritt, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, opponiet ruħha. U dan il-ħsieb tal-Qorti huwa konfermat in kwantu għall-provi testimonjali (għaliex mhux ġustifikat dan ir-rifjut għall-provi dokumentarji, li ma ġiex allegat li jeżistu f'dana l-każ) mill-istess liġi li tirritjeni ż-żewġ azzjonijiet, kriminali u ċivili, indipendenti waħda mill-oħra (ara art. 3, Kap. 12 Edizzjoni Riveduta). Imħabba f'dina l-oppożizzjoni, legalment valida, il-provi testimonjali f'dak il-proċess huma, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, inattendibili. Jibqa' però dejjem il-fatt li l-azzjoni delittuża ġiet magħmula mix-xhud ta' l-attur Margherita Mary Hayes u mill-konvenut James Powel, li l-lum jinsabu f'kampijiet opposti. Jibqa' wkoll veru li x-xhud Hayes kienet l-awtriċi materjali u konxja tad-delitt, u James Powel il-kompliċi għall-istigazzjoni; u kwindi d-depożizzjoni ta' Hayes tista' tkun sospetta bħal ma tkun depożizzjoni ta' kompliċi, li sabiex torbot hemm bżonn li tkun korroborata;

Jingħad però, illi d-disposti 632 u 635 tal-Kap. 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta, li ma jinstabux fil-Kodiċi tal-Proċedura, ma jobligawx lill-ġudikant, barra mill-isfera kriminali, għall-osservanza tagħhom; iżda billi l-azzjoni bħall-preżenti għandha bħala bażi azzjoni delittuża, ma hemm xejn kontra l-adozzjoni tagħhom fl-isfera tal-valutazzjoni tal-provi u għall-finijiet tal-liberu konvinċiment u għall-aċċertament tar-responsabilità ta' l-awtur jew awturi tad-delitt għall-finijiet prettament ċivili;

Illi wara li ġie premess dan li għidna, jingħad li l-fattijiet li taw lok għall-kawża huma dawn li sejrin ngħidu. Għal ħabta ta' l-aħħar xahar tas-sena li għaddiet, it-tifla minuri Hayes, li tinsab orfna u qiegħda tiġi allevata mill-attur u martu, nanniet tagħha, bdiet tinnamra mal-konvenut, li kien ukoll allura taħt l-età. Milli jidher, sal-bidu ta' Marzu 1946, James Powel kien anki daħal għandhom............ Fil-fatt però irriżulta illi wara dik l-ittra, li ġiet għak-konjizzjoni tan-nanniet tat-tifla, Powel ġie mkeċċi mid-dar tagħhom u t-tifla mwissija li ma tkellmux aktar. Milli jidher però, it-tifla in segwitu għall-inċident reġgħet qabdet tkellmu.............. Iż-żewġ xhieda prinċipali, Hayes u l-konvenut, jitfgħu fuq xulxin il-premura sabiex huma jiżżewġu, u fl-istess xahar ta' Ġunju li għadda x-xhud Hayes fil-kontroeżami qalet illi Powel issuġġerielha illi, sabiex ikunu jistgħu jiżżewġu, kien hemm bżonn illi hija tieħu xi flus lin-nanna tagħha ħalli jkollhom flus suffiċjenti għall-piż taż-żwieġ. Hawn jingħad li l-attur huwa raġel fakoltuż......... Mill-mara ta' l-attur irriżulta illi hija ftit żmien qabel ma ndunat bin-nuqqas tal-flus kellha ġewwa l-kaxxun tal-gwardarrobba fuq imsemmija s-somma ta' £250, u ndunat li xi ħadd missilha l-flus.............. Sa dattant ix-xhud Hayes ġiet taf li n-nanna kienet skopriet in-nuqqas u qaltilha li l-konvenut kien taha ċavetta biex tqabbilha u tieħu l-flus, u li hija, għall-ewwel, b'dik iċ-ċavetta ħadet xi flus żgħar mill-kaxxun tal-ħanut, imma l-konvenut biż-żewġ ammonti ta' 5s. u 10s. li kienet ħadet minn hemm, u tathom lilu, ma kienx kuntent, u istigaha ġġib aktar flus, b'mod li t-tifla rnexxielha tiftaħ b'xi ċavetta oħra falza l-kaxxun tal-gwardarrobba, u minn hemm f'diversi drabi ħadet kemm il-ponn tagħha jesa' flus.............. ;

*Omissis ;*

Illi minn dawna l-fattijiet għandna li tant Hayes kemm il-konvenut jammettu, waħda li ħadet xi flus, l-ieħor li rċevihom minn għand it-tifla, minn £30 sa £40 ;

Illi dwar jekk kienx minnu li Hayes ġiet istigata minn Powel tagħmel dak li għamlet għandna d-depożizzjoni diretta ta' Hayes, meruta mill-konvenut. Jingħad però illi mill-atteġġjament tiegħu, mod ta' diportament u kliemu, il-konvenut meta xehed ma tax affidament lil dina l-Qorti illi huwa

veritjer............ Ċirkustanza oħra li turi illi huwa kien jaf b'kollox hija l-kwantità ta' flus li ammetta li rċieva............;

Tikkunsidra;

Illi li bniedem jippretendi provi diretti ta' l-istigazzjoni, barra minn dik ta' l-istigata, huwa ġeneralment u normalment ħaġa wisq diffiċli, għalkemm mhux dejjem impossibili; imma d-diffikultà ma tħassarx "a priori" l-prova; u dik l-istess prova, flimkien mal-provi indizjarji konkomitanti indiretti, u fosthom is-smiegħ tax-xhieda 'viva voce" u l-atteġġjament tax-xhud newtralizzanti l-azzjoni, għandhom ikollhom il-piż tagħhom għall-kredibilità u korroborazzjoni tal-prova diretta unika flimkien u in aġġunta magħha, meta huma in armonija fil-punti rilevanti;

Illi fil-ħsieb ta' din il-Qorti x-xhud Hayes hija aktar kredibili mill-konvenut, u l-istess hija korroborata issa f'ċirkustanza issa f'oħra..................;

Illi kwindi ta' min jirritjeni li l-flus li ttieħdu mix-xhud Hayes għad-dannu ta' l-attur ittieħdu illegalment bl-istigazzjoni tal-konvenut;

Tikkunsidra;

Illi dwar kemm ittieħdu flus, il-kontestazzjoni tal-konvenut tillimita ruħha għad-differenza bejn £35 jew £40 sassomma ta' £190;

Illi x-xhud Hayes fuq dana l-punt l-uniku dawl li setgħet tagħti kien li għal xi ħmistax-il darba bejn l-20 ta' Ġunju 1946 sakemm inkixfet l-affari fit-18 ta' Lulju li għadda, tagħtu daqs kemm kien jesa' l-ponn tagħha. Mill-banda l-oħra mart l-attur taf li kellha fil-kaxxun in kwistjoni £250 u li kienet għadha kemm għaddet ftit qabel..............;

Illi di fronti għal dawn il-provi l-konvenut igħid li rċieva minn £30, £35 jew £40. Meta ried, qabel il-proċeduri kriminali, jirranġa l-affari u kien jaf bis-somma nieqsa, għall-ewwel aċċetta dak in-nuqqas "in toto"; imma l-lum igħid li ma ħax daqshekk. Huwa fatt illi naqsu mill-kaxxun, skond il-provi ta' l-attur, £190. Anki jekk mis-somma li ammetta li rċieva l-konvenut huwa — dak li huwa kuntrastat — nefaq xi flus minnhom għax-xhud Hayes, dan ma jfissirx illi huwa mhux responsabbli anki għall-flus minfuqa kif isostni huwa;

għaliex għad-danni provenjenti minn azzjoni "ex delicto", il-ko-operaturi huma responsabili "in solidum";

Illi di fronti għal dawn il-provi l-konvenut għandu jkun tenut għas-somma kollha nieqsa, salv "si et quatenus" kwalunkwe dritt li għandu u jista' jkollu kontra x-xhud Hayes;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut; bir-riżerva tad-drittijiet li għandu u jista' jkollu kontra x-xhud Hayes.